MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2003

Numru. 1057/2002

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)
vs
Darren Camilleri u Sammy Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra z-zewg imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozzizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

Talli fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Jannar, 2002 fil-Marsa, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-hanut "Slipway Bar" sitwat f'Flagstone Wharf, Marsa, ghad-detriment ta' Vincenza Demanuele mill-Hamrun, liema serq huwa

kkwalifikat bil-mezz, hin u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000);

U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar 2002 fil-Hamrun, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-hanut 'Melita Bar' sitwat fi Triq il-Kbira San Guzepp, Hamrun ghad-detriment ta' Anthony Camilleri mill-Marsa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000);

Talli fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Frar, 2002 fil-Marsa, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-hanut 'Spencer Bar' fi Spencer Hill, Marsa ghad-detriment ta' Raymond Baldacchino minn Hal-Qormi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u l-valur li jeccedi l-elf lira (LM1,000);

U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Frar, 2002 fil-Hamrun, ikkommettew serq ta' diversi oggetti mill-hanut "Hamrun Pigeon Club" fi Triq il-Marsa Hamrun ghad-detriment ta' Brian Busuttil minn Birkirkara u jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u l-valur li ma jeccedix l-elf lira (LM1000);

Talli fit-3 ta' Jannar, 2002 u fil-granet ta' wara, f'dawn il-gzejjer, laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta, jew barra minn Malta, jew b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

U aktar talli fil-perjodu ta' bejn it-3 ta' Jannar 2002 u l-14 ta' Jannar 2002 f'dawn il-Gzejjer, volontarjament hassar, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-detriment tal-persuni imsemmija aktar 'il fuq, liema hsara komplessivament tiskorri il-hames mitt lira (LM500);

Semghet liz-zewg imputati fuq imsemmija debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dana waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2003 meta kien qed isirilhom l-ezami skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Il-Qorti wara illi rat l-Artikoli 392(a) u 453(1) tal-Kap. 9 wissiet liz-zewg imputati fuq imsemmija b'mod l-aktar solenni dwar il-konsegwenzi legali ta' dawk it-twegibiet u tat liz-zewg imputati fuq imsemmija ftit taz-zmien sabiex jergghu lura mill-ammissjoni taghhom.  Pero' z-zewg imputati baqghu itennu dik it-twegiba u ghalhekk il-Qorti ordnat illi l-ammissjoni tigi registrata.

Il-Qorti rat ukoll illi l-Ufficjal Prosekutur ma kellux il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar, 2003 minn fejn irrizulta li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara illi z-zewg imputati fuq imsemmija kienu ikkollaboraw ferm mieghu matul l-investigazzjoni u fil-fatt huwa esebixxa l-istqarrijiet taz-zewg imputati fuq imsemmija minn fejn jirrizulta illi l-imputati ammettew mieghu l-involviment taghhom fir-reati odjerni u irrilaxxjaw stqarrija f'dan is-sens;

Ikkunsidrat :

Illi jirrizulta illi l-imputat Sammy Azzopardi kien minorrenni meta ikkommetta r-reati in kwistjoni u irrizulta wkoll illi dan l-imputat jghix ma ommu, mara anzjana u peress illi ghandu xi problemi ta' natura finanzjarja jenhtieg illi ikun segwit minn Ufficjal tal-Probation.  Jirrizulta illi Darren Camilleri illum il-gurnata ghandu impieg fis.  Jirrizulta ukoll illi filwaqt illi l-imputat Sammy Azzopardi ghandu fedina penali netta, l-imputat Darren Camilleri tista tghid ukoll illi ghandu fedina penali netta ghaliex kull ma ghandu fil-fedina penali tieghu hija kontravenzjoni tat-traffiku.

Illi fuq ammissjoni volontarja taz-zewg imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom il-Qorti issib liz-zewg imputati fuq imsemmija **<u>hatja</u>** ta' dawn l-imputazzjonijiet u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 278, 280, 325(1)(a), 31, 37 u 17 tal-Kap. 9.  Il-Qorti tiddikjara li qeghda tillibera pero' liz-zewg imputati fuq

imsemmija mill-hames imputazzjoni migjuba kontra taghhom, dik ta' ricettazzjoni peress illi una volta jirrizulta s-serq dan ir-reat minnu innifsu jeskludi r-reat ta' ricettazzjoni. Ghaldaqstant l-imputati fuq imsemmija qeghdin jinsabu hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom hlief ghall-hames akkuza.

Ikkunsidrat :

Illi ghar-ragunijiet kollha imsemmija aktar 'il fuq f'dan il-gudikat il-Qorti ma tqisx illi piena karcerarja tkun idoneja ghall-akkadut u tara li jkun ferm aktar ta' beneficcju ghaz-zewg imputati fuq imsemmija, kif ukoll ghas-socjeta in generali jekk iz-zewg imputati fuq imsemmija jinghataw opportunita ohra sabiex jirriformaw hajjithom u jaqbdu t-triq it-tajba. Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 5 tal-Kapitolu 152, qeghda taghmel ordni ta' probation fil-konfront tal-imputat Darren Camilleri li permezz tieghu qeghda iggieghlu joqghod taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar mil-lum.

Illi fir-rigward tal-imputat Sammy Azzopardi il-Qorti qeghda ukoll taghmel ordni ta' probation li permezz tieghu qeghda tqieghed lil dan l-imputat taht is-sorveljanza tal-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit ghall-perjodu ta' tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija fissret lill-hatja bi kliem car l-effett ta' dan l-ordni ta' probation u illi jekk jonqsu li jharsu dan l-ordni, jew jaghmlu xi reat iehor ikunu jistghu jigu ikkundannati ghar-reati originali.

Il-Qorti tiddikjara illi qeghda minnufih taghti kopja ta' dawn l-ordnijiet ta' probation liz-zewg imputati fuq imsemmija u lill-Ufficjal tal-Probation Marianne Zammit.

Il-Qorti tordna illi l-atti kollha flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fi zmien moghti mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9.

---------------------------------TMIEM---------------------------------